**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tal-21 ta' Otturbu 2019**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Matthew Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Matthew Aquilina ta' 25 sena bin Mario u Maria Teresa nee' Scerri imwieled f' 26.02.1992 u joqghod 168, Triq San Bartolomew Qormi detentur tal-karta ta' l-identita' numru 104493M fejn l-istess Aquilina gie akkuzat li:

*"talli f' 05.02.2019 ghall-habta ta' bejn 13.00hrs u 13.30 hrs gewwa il-BOV Triq San Bartholomew Hal Qormi*

1) *Insulentajt lil PC 1532 M. Caruana bil-kliem*
2) *Ingurjajt u heddidt lil PC 1532 M. Caruana persuna inkarigata mis-servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan sevizz jew bil-hsieb li tbezzghu jew tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi*
3) *Inqast li tobdi ordnijiet legittimi moghtija lilek minn PC 1532 M. Caruana ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu.*

*Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9."*

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat gie akkuzat ai termini ta' l-artikoli 339 (1e); 338(ee) u 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie studjat minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fis-sentenza tas-27 ta' Frar, 2013 fl-**<u>ismijiet Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) Vs Renald Briffa</u>** fejn intqal:

> *"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*
>
> *Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*
>
> *Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita.*

*L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, ilmotivo che lo deter mina e' indifferente;*
*la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzio ni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika. Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku."*

Minn ezami tal-provi prodotti, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni mressqa kontra l-imputat. Irrizulta li saret ingurja fil-konfront ta' ufficjal pubbliku, u dana billi l-istess imputat ghajjar lill-istess ufficjal pubbliku *'Kornut'* u '*pufta'* meta l-istess ufficjal pubbliku kien qed jaghmel servizz pubbliku.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din ukoll tirrizulta ppruvata stante li l-imputat gie mitlub inehhi l-vettura tieghu minn post li ma kellux jintuza ghal parkegg ta' vetturi u l-istess imputat baqa' diehel fil-bank filwaqt li halla l-vettura fejn kienet. Kien biss wara li gie mitlub ghal diversi drabi li din il-vettura tnehhiet izda dan sehh wara li kien gia' ma obdiex l-ordni legittima moghtija lilu mill-ufficjal tal-pulizija. Dan irrizulta kemm mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mix-xhieda moghtija mill-imputat stess.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1e), 338(ee), 95 u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Matthew Aquilina hati ta' l-imputazzjoni imressqa kontra tieghu u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' EUR 850.

**Magistrat Simone Grech**